MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1829/1997/2

**Victor Vassallo**

**Vs**

**Edwin Bartolo bhala President u Philip Bezzina bhala Segretarju in rapprezentanza tal-Koperativa ta' min irabbi l-Majjal Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi in forza ta' kuntratt datat 9 ta' Frar 1994 (Dok. X) l-attur igawdi esklisivita` biex ibiegh il-fhula jew *boars* tat-tip *terminal sires* imrobbija fuq ir-razzett tieghu, liema kuntratt jghid li l-kundizzjonijiet l-ohra inkluzi fis-sejha

ghall-applikazzjoni datata 6 ta' Ottubru 1992 (Dok. Y) gew integrati fih;

Premess illi l-konvenuti bdew ibieghu l-fhula jew *boars* tat-tip *terminal sires* imrobbija fuq l-irziezet tal-Koperativa (KIM) u dan bi ksur tal-ftehim ta' esklusivita`, hawn fuq imsemmi;

Premess illi permezz ta' mandat ta' inibizzjoni milqugh fl-1 ta' Awissu 1997, il-konvenuti gew inibiti mill-imsemmi agir illegali taghhom;

Premess illi l-attur sofra danni ammontanti ghal elfejn u tliet mitt lira (Lm2300) b'rizultat ta' l-ewwel bejgh li sar;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li in forza ta' kuntratt datat 9 ta' Frar 1994 (Dok. X) l-attur igawdi esklusivita` biex ibiegh il-fhula jew *boars* tat-tip *terminal sires* imrobbija fuq ir-razzett tieghu;

2. Tiddikjara li l-konvenuti abbuzivament u illegalment bdew ibieghu l-fhula jew *boars* tat-tip *terminal sires* imrobbija fuq l-irziezet tal-Koperativa (KIM) u dan bi ksur tal-ftehim ta' esklusivita` hawn fuq imsemmi, u b'hekk ikkawzawlu danni finanzjarji;

3. Tinibixxi definittivament lill-konvenuti milli jbieghu l-fhula jew *boars* tat-tip *terminal sires* imrobbija fuq l-irziezet tal-Koperativa (KIM);

4. Tiddikjara li d-danni sofferti mill-attur sal-lum minhabba l-imsemmi bejgh illegali u abbuziv jammontaw ghal elfejn u tliet mitt lira (Lm2300);

5. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' Lm2300 in linea ta' danni;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni milqugh fl-1 ta' Awissu 1997, kontra l-konvenuti;

Bl-imghax skond il-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati u d-dokumenti esebiti;

Rat in-Nota ta’ l-eccezzjonijiet tal—konvenut *et nomine* li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Fl-ewwel lok in-nuqqas ta’ l-integrita` tal-gudizzju stante illi mart l-attur, li kienet firmatarja fuq il-kuntratt tad-9 ta’ Frar 1994 mhix parti fil-kawza;

2. Illi fl-ewwel lok tigi eccepita l-inkompetenza ta’ dina l-Qorti *ratione materia* u dana stante illi hawn si tratta ta’ kawza istitwita minn membru ta’ koperativa kontra l-koperativa li taghha huwa membru u ghalhekk din hija kwistjoni li tinkwadra ruhha taht id-dicitura tas-subinciz (1)(d) ta’ l-Artikolu 109 ta’ l-Att dwar il-Koperativi (Kapitolu 278 tal-Ligijiet ta’ Malta) fejn il-kompetenza hija vestita fil-Bord tal-Koperativi;

3. Illi fil-meritu mhux minnu dak li qed jigi allegat mill-attur illi huwa jgawdi xi forma ta’ esklusivita` fil-konfronti tal-Koperativa ta’ Min Irabbi l-Majjal Limited. Tali esklusivita` tista’ taghti l-kaz li tezisti fil-konfronti ta’ rziezet ohra izda mhux fil-konfronti tal-konvenuti *nomine*;

4. Illi ghalhekk mhemmx lok li l-konvenuti *nomine* jibqghu inibiti kif mitlub;

5. Illi t-talba ghad-danni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dana stante illi ma tezistix l-esklusivita` li qed tigi vantata;

6. Illi bla pregudizzju l-ammont ta’ danni huwa eccessiv u ghandu jigi pruvat;

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *et nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni maghmula mill-avukat difensur ta’ l-attur fl-udjenza tat-12 ta’ Dicembru tas-sena 2000;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut *et nomine*;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

F'din il-kawza l-konvenuti *nomine* bdew bid-difiza taghhom fil-konfront tat-talbiet attrici b'zewg eccezzjonijiet ta' indoli procedurali u cjoe:-

I. In-nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju billi mart l-attur ma gietx imdahhla fil-proceduri;

II. L-inkompetenza *ratione materiae* fuq il-motiv li l-materja agitata kienet ta' gurisdizzjoni tal-Bord tal-Koperativi fit-termini ta' l-Artikolu 109(1)(b) ta' l-Att dwar il-Koperativi (Kapitolu 278);

Hu fl-ordni logiku u guridiku illi strettament il-Qorti jokkorrilha tinvesti qabel kull eccezzjoni ohra l-fatt ta' l-inkompetenza taghha billi jekk tali eccezzjoni tinsab li hi fondata ma tkunx tista' tokkupa ruhha lanqas minn dik tan-nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju. Eppure, anke minhabba l-importanza ta' konsimili eccezzjoni, li issa saret spiss frekwenti, ma jkunx inopportun li din ukoll tigi investita;

Proprju rigward din l-eccezzjoni l-attur jibda biex josserva illi l-firma ta' martu fuq il-kuntratt ta' ftehim milhuq mal-konvenuti *nomine* kienet necessitata minhabba li l-att kellu jitqies ta' amministrazzjoni straordinarja. Izid jaggungi pero` illi, kif dikjarat, martu ma kienetx qed tinghata d-dritt

tat-tmexxija tal-*units* (fol. 8) u kwindi l-presenza taghha fil-kawza ma kienetx mehtiega;

Il-konvenuti *nomine* ma kkummentaw xejn dwar din il-proposizzjoni u, anzi, irrimettew ruhhom dwarha ghall-gudizzju tal-Qorti. Ara Nota ta' l-osservazzjonijiet taghhom a fol. 81;

Jidher car illi l-eccezzjoni *de qua* hija bazata fuq dak dispost fl-Artikolu 1322(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Testwalment dan jipprovdi hekk:-

"Il-jedd li jitwettqu l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja, u l-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwar dawk l-atti jew li ssir xi transazzjoni dwar xi atti jkunu li jkunu, jmiss liz-zewg mizzewgin flimkien."

Issa l-fatti kif rakkontati mill-attur jistghu jigi fil-qosor hekk sintetizzati:-

(i) L-attur huwa *pig breeder* u membru tal-ghaqda u tal-kumitat tat-tmexxija tal-Koperativa ta' Min Irabbi l-Majjal Limited;

(ii) Inharget sejha ghall-applikazzjonijiet fost il-membri tal-ghaqda ghat-tmexxija ta' "*terminal sire units*" (fol. 10). L-attur kien wiehed mill-applikanti u l-Bord tal-ghazla approva l-applikazzjoni tieghu ghall-*unit* 'B';

(iii) Wara trattattivi l-ftehim gie formalizzat permezz ta' kuntratt datat 9 ta' Frar 1994 (fol. 5);

(iv) Il-mara ta' l-attur giet mitluba tiffirma l-kuntratt b'dan illi gie dikjarat ukoll illi tali firma ma kellhiex titqies li b'hekk inghatat id-dritt tat-tmexxija tal-*unit*;

(v) L-azzjoni ta' l-attur hi tendenti ghar-rizarciment tad-danni billi, kif minnu allegat, il-konvenuti *nomine*, ossija l-ghaqda, wettqet ksur tal-ftehim fis-sens illi gie lez lilu d-dritt ta' l-esklusivita` tal-bejgh tal-fhula minn kif

prefiss fis-sejha ghall-applikazzjonijiet (fol. 38): "il-fhula tar-razza (*terminal sires*) li jintuzaw fuq l-irziezet kummercjali jinbieghu biss mill-applikant 'B'";

Din il-Qorti ezaminat il-lista ta' l-atti li fis-subinciz (3) ghall-Artikolu 1322, il-Kodici Civili jikkwalifikaw bhala "atti straordinarji". Relativament ghall-kaz prezenti l-Qorti ssibha difficli biex tikkazella l-materja taht skrutinju f'xi wiehed mill-attijiet mil-ligi prevvisti;

Fil-hsieb konsiderat tal-Qorti l-materja ghandha tigi rigwardata f'dak provvdut fl-Artikolu 1324 tal-Kodici. Dan il-provvediment hu kategoriku u car in kwantu jistabilixxi li "atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu ezercitati minn parti wahda biss mill-mizzewgin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed tezercita dak il-kummerc, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kienux maghmula in relazzjoni ma' dik is-sengha, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja";

Ma jidherx li ghandu jkun dubitat illi n-negozju ta' l-attur u l-operazzjoni ntrapreza minnu bil-precitat kuntratt jirrientraw fl-attivita` kummercjali ezercitata minnu. Wiehed ragjonevolment jifhem ukoll illi tali operazzjonijiet u attivita` ilhom jigu kondotti mill-istess attur b'mod regolari u mhux saltwarjament. Din il-Qorti hi allura tal-fehma illi meta l-attur ghamel l-offerta tieghu ghat-tehid ta’ wiehed mill-*units* dan sar minnu f'dan il-kuntest ta' negozju jew kummerc li fih martu ma kienetx ko-involta. Tali fehma hi msahha mid-dikjarazzjoni espressa fil-kuntratt ta' ftehim fis-sens illi l-firma taghha ma kellhiex tkun intiza bhala l-ghoti ta' xi jedd lilha fit-tmexxija tal-*unit* assenjata lil zewgha. Din ir-realta` kienet certament ben maghrufa mill-istess konvenuti *nomine* u huma stess ma setghux ma jqisux il-kontrattazzjoni bhala parti mill-attivita` kummercjali ta' l-attur ossija "att normali ta' gestjoni tal-kummerc" tieghu;

Fic-cirkostanzi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti *nomine* ma tregix u ma tistax tircievi akkoljiment billi ghall-kaz hawn prospettat isib applikabilita` dak dettat fl-Artikolu 1324 tal-Kodici Civili;

L-eccezzjoni dwar l-inkompetenza hi aktar komplessa minn dik l-ohra appena ezaminata;

L-Artikolu 109(1) tal-Kapitolu 278 riferit mill-konvenuti *nomine* in sostenn ta' din l-eccezzjoni hekk jipprovdi:-

"Jekk tinqala' xi kwestjoni dwar il-kostituzzjoni ta' l-ghaqda, l-elezzjoni ta' l-ufficcjali taghha u t-tmexxija tal-laqghet generali taghha, jew it-tmexxija jew ix-xoghol ta' l-ghaqda ... bejn "membru, membru ta' l-imghoddi jew membru mejjet, u l-ghaqda, il-kumitat tat-tmexxija, il-bord ta' sorveljanza taghha, jew xi ufficcjal ta' l-ghaqda "(subparagrafu 'b') ... din il-kwestjoni ghandha tintbaghat lill-Bord tal-Koperativi ghad-decizjoni.";

Dan id-dispost baqa' fis-sehh u jinsab redatt fl-istess termini fl-Att XXX ta' l-2001 dwar is-socjetajiet Koperativi, liema Att irrimpjazza dak hawn ezaminat intitolat l-Att dwar l-Ghaqdiet Koperativi (Kapitolu 278);

A propozitu ta' din l-eccezzjoni l-attur jissottometti fit-trattazzjoni orali tieghu, traskritta a fol. 72, illi:-

(a) tezisti "*concurrent jurisdiction*" bejn il-Bord tal-Koperativi u l-qrati ordinarji;

(b) il-gurisdizzjoni tal-Qorti gja giet radikata bil-fatt tas-sottomissjoni volontarja da parti tal-konvenuti *nomine* in vista tal-procedura minnhom intentata biex jottjenu garanzija minghandu, u, fin-nuqqas, ir-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni spedit fil-konfront taghhom;

Ghall-Qorti din is-sottomissjoni ghandha b'raguni logika tfisser illi filwaqt li l-attur jirrikonoxxi l-fatt illi d-disputa bejnu u l-ghaqda tirrientra fit-termini tad-disposizzjoni tal-

ligi surreferita, eppure l-qrati ordinarji xorta wahda jibqalhom id-dritt jinvestu, jezaminaw u jiddeciedu l-istess disputa jew kwestjoni. Inoltre, huwa jadduci wkoll il-fatt illi bis-sottomissjoni volontarja lill-qrati ordinarji l-konvenuti bhal speci rrinunzjaw definittivament ghad-dritt moghti mil-ligi li kwestjoni bhal din tigi riferita ghall-gudizzju tal-Bord tal-Koperativi;

Fil-fehma tal-Qorti l-attur jonqos milli jissostanzja adegwatament is-sottomissjoni tieghu fir-rigward ta' din l-eccezzjoni, tant li din il-Qorti htiegilha tirricerka appogg fuq dan il-punt, certament bil-wisq importanti, minn xi decizjonijiet li ttrattaw u iddibattew il-materja. B'mod partikolari, imbaghad, jekk tali eccezzjoni ta' l-inkompetenza kellhiex taffetta l-process fl-istadju kollu tieghu, sija dak ta' natura kawtelatorju u preliminari kif ukoll l-ohrajn li jirrigwardaw il-meritu u s-sustanza jew kellhiex tolqot invece u ristrettivament dan l-ahhar stadju biss;

Jidher li kwestjoni bhal din giet sa certu punt diskussa fil-kaz fl-ismijiet "**Anthony Sammut -vs- Paolo Sammut *et***", deciza mill-Qorti ta' l-Appell, Sede Civili, fil-11 ta' Mejju 1962, anke jekk f'dan il-kaz il-materja kienet strettament tikkoinvolgi kwestjoni bejn zewg Qrati, u cjoe jekk kienx kompetenti l-Qorti tal-Kummerc jew dak ta' gurisdizzjoni Civili. Intant fiha gie osservat dan:-

"Il-mandati kawtelatorji kollha jigu mahruga u ezegwiti fuq ir-responsabilita` ta' min jitlobhom, u dan ighodd ukoll ghall-mandat ta' inibizzjoni; b'dan pero` illi l-mandat ta' inibizzjoni ma jinharegx mill-Qorti ammenokke ma tkunx sodisfatta illi l-mandat hu mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet ta' min jitlob il-hrug tieghu, u li *prima facie* ikun jidher li hu ghandu dawk il-jeddijiet fil-meritu. Hlief din il-kundizzjoni ma hemmx restrizzjonijiet ohra espressament statwiti fir-rigward tal-hrug ta' dan il-mandat.

"L-ispedizzjoni tal-mandat ma ghandhiex tigi ritardata hlief jew minhabba xi difett fir-rekwiziti ta' forma

preskritta mil-ligi, ghax tkun kontra xi projbizzjoni jew restrizzjoni fid-disposizzjonijiet dwar il-mandat; u ghalhekk meta jigi mitlub il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, u tigi sollevata l-kwestjoni jekk il-Qorti adita hijiex kompetenti, dak mhux l-istadju li fih tista' tigi dibattuta l-kwestjoni tal-kompetenza imma kwestjoni simili tista' tigi nvestita in segwitu ghall-mandat kif preskritt mil-ligi, jew b'azzjoni *ad hoc*; u ghalhekk l-ispedizzjoni tal-mandat ma ghandhiex tinzamm fuq l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti, sollevata sempliciment fuq ir-rikors ghall-ispedizzjoni ta' dak il-mandat. Ghaldaqstant ma hemmx lok ghal ebda decizjoni tal-Qorti dwar il-kompetenza fl-istadju tal-hrug tal-mandat ..."

Kif manifest mill-bran fuq riportat ittiehed argoment mill-fatt tad-distinzjoni bejn l-istadju tal-hrug tal-mandat u l-istadju fejn il-meritu jkun ingieb ghall-attenzjoni tal-Qorti, kif inhu proprju l-kaz hawn konsiderat;

Jista' forsi jigi argomentat illi l-artikolu tal-ligi in diskussjoni [Artikolu 109(1)] ma jikkoncedix lil Bord tal-Koperativi attribuzzjonijiet sostitutivi ghal dawk ta' Qorti fil-koncessjoni ta' mandati jew provvedimenti kawtelatorji in generali u allura certament ma jistax ikollok konkorrenza ta' gurisdizzjoni bejn Bord u Qorti in materja ta' hrug ta' mandati kawtelatorji. Dan anke ghaliex il-Bord ma huwiex vestit bis-setgha li jiddeciedi jew johrog mandati kawtelatorji. Strettament anzi, kif jinghad fl-Artikolu 110 ta' l-Att, il-Bord lanqas ma hu vestit bil-poter li jirrizolvi kwestjoni ta' ligi tant li l-imsemmi artikolu jipprovdi li kwestjoni bhal din trid tigi rimessa direttament lill-Qorti ta' l-Appell;

Rilevanti forsi li jigi notat ukoll illi fil-hrug tal-mandati l-Qorti ma tiddeciedi l-ebda kwestjoni bejn il-partijiet;

Dan affermat, il-Qorti ma tistax allura taccetta l-veduta ta' l-attur illi meta l-konvenuti *nomine* ressqu l-appozita procedura biex jottjenu r-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni huma gew b'hekk issottomettew ruhhom ghall-gurisdizzjoni tal-Qorti. Ibda biex tali procedura kienet il-

konsegwenza naturali u ordinarja tal-fatt ta' l-ispedizzjoni fil-konfront taghhom tal-mandat innifsu. Procedura hekk rizervata mil-ligi bhala rimedju effettiv u spedit biex jitwaqqghu jew jigu cirkoskritti l-mandati. Fit-tieni lok il-Qorti li emaniet il-mandat jew ezaminat it-talba ghar-revoka ma ddeterminatx il-kwestjoni fis-sustanza taghha;

Lill-Qorti irrizultalha wkoll f'decizjoni posterjuri ghal dik fuq imsemmija, riportata a **Vol. XLVI P I p 242**, fejn il-materja kienet tinvolvi kwestjoni ta' kompetenza bejn il-Qorti u l-klawsoli arbitrali fil-kuntratt, illi rigwardata l-materja mill-punto di vista tal-fatt illi mandat kawtelatorju jippostula pretensjoni li trid tigi dedotta f'qasir zmien ghall-aggudikazzjoni ma kienx jaghmel wisq sens illi jinhareg mandat ta' inibizzjoni biex jikkawtela pretensjoni li l-konjizzjoni dwarha hi fl-ahhar mill-ahhar, in vista tal-klawsola arbitrali jew, bhal f'dan il-kaz, bl-operat tal-ligi, sottratta ghall-gurisdizzjoni tal-Qorti;

Tali opinjoni tinsab espressament konfigurata fid-decizjoni fl-ismijiet "**Nutar Dottor Giuseppe Sammut *nomine* -vs- Frank Scicluna *et***" Appell Civili, 2 ta' Gunju 1969. Fiha ntqal dan:

"Ghad-differenza ta' mandati kawtelatorji ohrajn, rigward il-mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni l-ligi tezigi zewg kondizzjonijiet cioe` li l-Qorti li lilha jsir ir-rikors tkun sodisfatta illi l-mandat hu necessarju ghall-konservazzjoni tad-dritt li in kawtela tieghu l-mandat jintalab u li *prima facie* dak id-dritt jidher li jispetta lil min jitolbu. Peress illi l-ligi tezigi li min johrog il-mandat hu obbligat li fiz-zmien qasir preskritt jiddeduci b'kawza l-jedd imsemmi fil-mandat, din il-Qorti hi tal-fehma illi ma jkunx jista' jinghad, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat, illi d-dritt *prima facie* jispetta lir-rikorrent jekk *prima facie* ikun jidher fl-istess hin illi l-pretensjoni dwar dak l-istess dritt m'hix kapaci li tigi dedotta in gudizzju quddiem il-Qorti ... Fi kliem iehor il-Qorti tal-Kummerc kienet tkun gustifikata li tirrifjuta l-hrug tal-mandat ghal dik ir-raguni."

Jekk jigi adottat dan ir-ragjonament ikun ifisser illi anke f'dan il-kaz il-Qorti ma messhiex emaniet il-hrug tal-mandat, li kieku naturalment, giet attirata l-attenzjoni ta' dik il-Qorti ghall-Artikolu 109(1). Dan hu tant evidenti minn semplici ezami ta' l-atti tal-mandat u tat-talba ghar-revoka tieghu in kwantu jekk il-kwestjoni ma gietx ventilata ma setghetx tircievi attenzjoni u kumment dwarha mill-Qorti;

Dan ma jfisserx illi l-istess eccezzjoni ma setghetx issa tigi ntavolata jew kummentata mill-Qorti f'dan l-istadju tal-procedura fuq il-meritu. L-eccezzjoni moghtija ta' inkompetenza ma tistax ma titqiesx regolari fl-aspetti kollha taghha, anke b'raguni tal-principju trattat fid-decizjoni l-ohra aktar il-fuq accennata;

L-artikolu tal-ligi ampjament riferit - Artikolu 109(1) tal-Kapitolu 278 - jirrizerva lil Bord tal-Koperativi l-kompetenza li jiddeciedi l-kwestjoni sorta bejn il-partijiet. Ghal Qorti dan ifisser illi ma tistax tabbraccja l-argoment sollevat mill-attur li tezisti "*concurrent jurisdiction*" bejn il-Bord tal-Koperativi u l-Qorti ghar-rizoluzzjoni u decizjoni tal-kwestjoni. Tali argoment ma huwiex konformi ghad-dettam tal-ligi u lanqas ghar-raguni guridika. *Ubi lex voluit, dixit*;

Naturalment, dan ma jfisserx illi l-Qrati ma jibqalhomx certi kontrolli u din il-Qorti ma hijiex strettament qed issostni li hu prekluz kwalsiasi aditu lill-Qrati. Bhal fil-kaz ta' kull tribunal ammnistrattiv iehor vestit b'poteri kwazi-gudizzjarji l-parti xorta jibqala' d-dritt, entro certi limiti ben precizi, li ggib ‘il quddiem l-impunjattiva tad-decizjoni tal-Bord jew tal-lodo ta' l-arbitru fil-kaz ta' arbitragg, jekk jinstab li din tkun kontra l-principji fundamentali tal-gustizzja jew id-decizjoni tkun kontra xi ligi miktuba jew fil-kaz ta' zball manifest u sostanzjali. Ara a propositu "**Edward Rizzo -vs- Major Arthur D. Abbott proprio *et nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 28 ta' Ottubru 1952 (**Vol. XXXVI P II p 517**);

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-fatti ta' din il-kawza u ssib li l-meritu pincipali ta' l-ilment ta' l-attur tirrigwarda kwestjoni korrelatata max-xoghol tal-ghaqda, li taghha hu wkoll membru. Dan hu sahansitra dezunt minn dak relatat mill-attur fl-Affidavit tieghu (fol. 26). Hu jirrikonoxxi li b'dak li ghamel fetah it-triq biex l-ghaqda tbiegh *terminal sires* mill-istock tal-majjali li ngieb mill-Isvezja. Zied jaggungi illi kieku ma sarx il-ftehim il-konvenuti *nomine* ma kienx ikollhom mezz biex jikkompetulu illegalment (fol. 30);

Il-Qorti ma hijiex ser tinoltra ruhha fuq l-asserzjoni ta' l-illegalita` o meno ghax din hi materja li trid tigi investigata mill-Bord. Minn naha l-ohra hi l-opinjoni taghha illi l-kwestjoni kontrovertita bejn il-partijiet ghandha konnessjoni max-xoghol tal-ghaqda. Kwestjoni li l-ligi tinvesti fil-Bord tal-Koperativa li, kif inghad f'kaz iehor, "ghandu l-funzjoni li jirregola l-mod kif kwestjonijiet ta' din ix-xorta bejn il-membru u l-ghaqda jigu determinati permezz ukoll ta' procedura arbitrali ben precizata fil-ligi" - "**Michael Axisa *nomine* -vs- Emanuel Schembri**", Prim' Awla, Qorti Civili, 1 ta' Ottubru 1996.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti *nomine*, takkolji invece t-tieni eccezzjoni taghhom li din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni li tinvesti l-meritu tal-kawza li jaqa' fil-kompetenza specjali u esklussiva tal-Bord tal-Koperativi a tenur ta' l-Artikolu 109(1)(b) ta' l-Att dwar l-Ghaqdiet Koperativi (Kapitolu 278) u konsegwentement tillibera lill-konvenuti *nomine* mill-osservanza tal-gudizzju.

In vista tal-konsiderazzjonijiet fuq zvolti u trattati, l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------